MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Numru 148/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN BORG**

**VS**

**JACQUES BONETT**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jacques Bonett ta' 36 sena, imwieled Attard nhar id-9 ta' April, 1968, bin Jean u Emely nee' Cassar, residenti fil-fond numru 9/1, Refalo Avenue, Balzan, detentur tal-karta tal-identita' numru 168668 (M) ;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe' fil-perjodu ta' bejn id-9 ta' Dicembru, 2004 u t-30 ta' Dicembru, 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

Ikkommetta serq ta' *cheque book* tal-Bank of Valletta plc, ghad-detriment ta' Jurg Meier;

U aktar talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara lil jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Jurg Meier fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, imsemmija fit-tieni imputazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli ffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati, wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna tal-oggetti, jew jigbor depozitu, jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u dan bi ksur tal-Artikolu 167(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra falsifikati, imsemmija fir-raba' imputazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha ta' haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika,

ghamel qliegh ta’ aktar minn Lm1,000.00 (elf lira Maltin) bi hsara tal-persuna Jurg Meier, u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal jew biegh jew mexxihom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri tal-proceduri, cioe’ fl-istadju tal-ezami, liema ammissjoni giet ikkonfermanta mill-istess imputat wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skond il-Ligi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-Artikoli 184 u 184, 167, 169, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-akkuza tar-ricettazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-akkuzi l-ohra, u ghalhekk il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dik l-akkuza.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat Jacques Bonnet hati tal-akkuzi kif dedotti, u wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9, tordna li l-istess imputat jitqieghed taht *Probation ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-perjodu ta’ tlitt (3) snin.

*Inoltre* l-Qorti tordna li bhala parti mill-istess *Probation* l-imputat jibda jattendi programm ta’ riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga, liema programm ghandu jinbeda mill-aktar fis, jitkompla u jigi mitmum b’success mill-istess imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------